DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tad-29 ta' April 2008

li temenda l-ftehim interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda fir-rigward tal-qafas finanzjarju plurijennali

(2008/371/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda [1], u b'mod partikulari l-punt 48 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Bħala riżultat tad-dewmien fl-adozzjoni ta' xi programmi operattivi ta' l-intestaturi 1b u 2, EUR 2 034 miljun ta' l-allokazzjoni prevista fil-Fondi Strutturali, għall-Fond ta' Koeżjoni, ta' l-Iżvilupp Rurali u għall-Fond Ewropew għas-Sajd ma setgħux jiġu impenjati fis-sena 2007 u lanqas jiġu trasferiti għas-sena 2008. Taħt il-paragrafu 48 tal-Ftehim Interistituzzjonali, dan l-ammont għandu jiġi trasferit għas-snin finanzjarji ta' wara billi jiżdiedu l-limiti ta' l-infiq korrispondenti għall-approprijazzjonijiet ta' impenn.

(2) L-Anness I tal-Ftehima Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda għalhekk għandha tiġi emendata [2],

KIEN DEĊIŻ KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

L-Anness I tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda huwa ssostitwit mill-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Brussell, 29 ta' April 2008.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
H.-G. PÖTTERING	D. RUPEL

[1] ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1. Ftehima kif emendata bid-Deċiżjoni 2008/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 6, 10.1.2008, p. 7).

[2] Għal dan l-iskop, iċ-ċifri bil-prezzijiet attwali huma maqluba għall-prezzijiet ta' l-2004.

ANNESS

Qafas finanzjarju 2007-2013

(EUR miljuni – prezzijiet kostanti ta' l-2004)

Approprijazzjonijiet ta' impenn	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	Total 2007-2013
1. **Tkabbir sostenibbli**	**50 865**	**53 262**	**54 071**	**54 860**	**55 400**	**56 866**	**58 256**	**383 580**
1a Kompetittività ghat-Tkabbir u ghall-Impjieġ	8 404	9 595	10 209	11 000	11 306	12 122	12 914	75 550
1b Koeżjoni ghat-Tkabbir u ghall-Impjieg	42 461	43 667	43 862	43 860	44 094	44 744	45 342	308 030
2. **Preservazzjoni u Ġestjoni tar-Riżorsi Naturali**	**51 962**	**54 685**	**54 017**	**53 379**	**52 528**	**51 901**	**51 284**	**369 756**
li minnhom: infiq relatat mas-suq u ħlasijiet diretti	43 120	42 697	42 279	41 864	41 453	41 047	40 645	293 105
3. **Ċittadinanza, libertà, sigurtà u ġustizzja**	**1 199**	**1 258**	**1 380**	**1 503**	**1 645**	**1 797**	**1 988**	**10 770**
3a Libertà, sigurtà u ġustizzja	600	690	790	910	1 050	1 200	1 390	6 630
3b Ċittadinanza	599	568	590	593	595	597	598	4 140
4. **L-UE bħala parteċipanta globali**	**6 199**	**6 469**	**6 739**	**7 009**	**7 339**	**7 679**	**8 029**	**49 463**
5. **Amministrazzjoni** (1)	**6 633**	**6 818**	**6 973**	**7 111**	**7 255**	**7 400**	**7 610**	**49 800**
6. **Kumpensazzjonijiet**	**419**	**191**	**190**					**800**
Total approprjazzjonijiet ta' impenn	**117 277**	**122 683**	**123 370**	**123 862**	**124 167**	**125 643**	**127 167**	**864 169**
bħala persentaġġ tal-GNI	1,08 %	1,09 %	1,07 %	1,05 %	1,03 %	1,02 %	1,01 %	1,048 %
Total approprjazzjonijiet ta' ħlas	**115 142**	**119 805**	**112 182**	**118 549**	**116 178**	**119 659**	**119 161**	**820 676**
bħala persentaġġ tal-GNI	1,06 %	1,06 %	0,97 %	1,00 %	0,97 %	0,97 %	0,95 %	1,00 %
Marġni disponibbli	0,18 %	0,18 %	0,27 %	0,24 %	0,27 %	0,27 %	0,29 %	0,24 %
Limitu tar-Riżorsi Proprji bħala persentaġġ tal-GNI	1,24 %	1,24 %	1,24 %	1,24 %	1,24 %	1,24 %	1,24 %	1,24 %

(1) In-nefqa ghall-pensjonijiet inkluża taht din l-intestatura hija kkalkulata b'mod nett mill-kontribuzzjonijiet ta' l-istaff ghall-iskema rilevanti, fil-limitu ta' EUR 500 miljun bil-prezzijiet ta' l-2004 ghall-perjodu 2007-2013.